MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF
LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2025

Appell Inferjuri Numru 73/2024 LM

**Mina Devi Budhathoki (Karta ta' residenza 0244014A)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**L-Aġenzija Identity Malta**
*('l-Aġenzija appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Mina Devi Budhathoki (Karta ta' residenza 0244014A)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], f'data li ma ġietx speċifikata [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni

appellata'], li ddeċieda t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-intimata **l-Aġenzija Identity Malta** [minn issa 'l quddiem 'l-Aġenzija appellata'], kif ġej:

> "*Board observes that refusal was issued on 6/2/23 and appeal was lodged on 21/3/23. Case is* fuori termine*.*"

## Fatti

2. Ir-rikorrenti, ċittadina Nepaliża, fit-8 t'Awwissu, 2022 ippreżentat applikazzjoni taħt is-*Single Permit Procedure*. Permezz ta' ittra mibgħuta lilha fis-6 ta' Frar, 2023, hija ġiet infurmata mill-Aġenzija appellata li l-qagħda tal-immigrazzjoni tagħha f'Malta fiż-żmien meta ppreżentat l-imsemmija applikazzjoni ma kinitx waħda regolari, u għalhekk hija meqjusa bħala immigranta ipprojbita. Ir-rikorrenti ġiet infurmata li abbażi ta' dan, l-applikazzjoni tagħha ġiet rifjutata. Jirriżulta li l-applikazzjoni tar-rikorrenti tat-8 t'Awwissu, 2022 kienet għal *change of employer,* sabiex hija tkun tista' taħdem mal-kumpannija Josies Bathroom Centre Limited. Ir-rikorrenti spjegat li hija tterminat l-impjieg preċedenti tagħha fil-5 ta' Settembru, 2022, billi rriżenjat minn jeddha, imma l-prinċipal li kienet taħdem miegħu qabel, irrifjuta li joħroġilha l-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg. Ir-rikorrenti qalet li hija applikat għal *change of employer* fit-8 t'Awwissu, 2022, qabel ma tterminat l-impjieg preċedenti tagħha, u dan sabiex tottempera ruħha mat-terminu ta' għaxart ijiem konċess mill-Aġenzija appellata. Ir-rikorrenti spjegat li l-applikazzjoni tagħha ġiet intavolata fil-ħin, iżda kien hemm żball tal-pinna fl-indirizz elettroniku pprovdut minnha, u għalhekk hija ma rċevietx il-korrispondenza mibgħuta lilha mill-appellata. Ir-rikorrenti qalet li min-naħa tagħha qatt ma kien

hemm xi intenzjoni malinna, u hija dejjem fittxet li tirregolarizza l-qagħda tagħha u li tottempera ruħha mal-liġijiet u r-regolamenti tal-pajjiż. Żiedet tgħid li dan huwa każ ġenwin, u d-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata timmerita li tiġi revokata, sabiex il-qagħda tal-immigrazjoni tagħha f'Malta tkun tista' tiġi regolarizzata mal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, u b'hekk l-applikazzjoni tagħha għal '*change of employer single permit*' tkun tista' tiġi pproċessata mill-Aġenzija intimata.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

3. Il-Bord, f'deċiżjoni li mhijiex iffirmata u li ma ġġib l-ebda data, qal is-segwenti:

> *"Board observes that refusal was issued on 6/2/23 and appeal was lodged on 21/3/23. Case is* fuori termine*."*

**L-Appell**

4. Fir-rikors tal-appell imressaq fit-13 t'Awwissu, 2024, ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti, tilqa' l-aggravji tagħha, tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata tas-6 ta' Frar, 2023 u d-deċiżjoni mhux datata tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, sabiex hija tkun tista' tintavola applikazzjoni ġdida mal-Aġenzija appellata.

5. L-appellanta qalet li l-applikazzjoni tagħha għal *change of employer* ġiet ippreżentata fil-ħin, imma kif iddikjarat mid-Direttur Maniġerjali tas-soċjetà Josies Bathroom Centre, fl-ittra tal-4 ta' Jannar, 2023 mibgħuta lill-Aġenzija Identity Malta, kien hemm żball ta' tipografija fl-*email* tagħha, u minħabba

f'hekk hija ma rċeviet ebda *email* ta' aċċettazzjoni jew korrispondenza ta' sottomissjoni mingħand l-Aġenzija intimata, sakemm l-appellanta u anki l-prinċipal prospettiv tagħha intebħu b'dan l-iżball. Il-Bord ċaħad l-appell tal-appellanta wara li qies li dan l-appell kien *fuori termine.*

6. L-appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni appellata tal-Bord. Qalet li meta hija minn jeddha, ppruvat tistaqsi dwar il-każ tagħha, u tiġbor kopja tad-deċiżjoni tal-Bord, ma rnexxielha tikseb ebda informazzjoni. Qalet li wara ħafna taħbit u bl-assistenza legali, hija kisbet kopja tad-deċiżjoni tal-Bord, li iżda hija nieqsa minn sustanza legali għaliex imkien ma tindika l-isem tal-membri tal-Bord li ħadu d-deċiżjoni, id-data li fiha ttieħdet din id-deċiżjoni, u l-isem tal-Bord li ħa d-deċiżjoni. Qalet li fuq id-deċiżjoni m'hemmx l-isem tal-ebda membru tal-Bord, u mhux magħruf lanqas min iffirma din id-deċiżjoni, apparti li hija nieqsa mir-rekwiżiti tal-artikolu 218 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. B'żieda ma' dan, l-appellanta qalet li la hi, la l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, u lanqas il-prinċipal prospettiv tagħha ma ġew notifikati b'din id-deċiżjoni.

7. Fit-tieni aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li fil-każ odjern kien hemm ksur tal-prinċipju *audi alteram partem.* Qalet li filwaqt li l-Bord aċċetta l-applikazzjoni tagħha u l-ħlas rispettiv sabiex hija tkun tista' tressaq l-appell tagħha, meta ġie biex jagħti deċiżjoni l-Bord injora s-sottomissjonijiet addizzjonali tagħha. Qalet li b'dan l-aġir, il-Bord lilha ma tahiex ċans tressaq 'il quddiem is-sottomissjonijiet tagħha, u pproċeda bid-deċiżjoni tiegħu li lilha ser tiżvantaġġaha sew, għaliex jekk id-deċiżjoni tal-Bord tiġi kkonfermata, hija ser ikollha titlaq minn Malta.

8. Fit-tielet aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li d-deċiżjoni tal-Bord tonqos milli tħares il-prinċipji tar-raġonevolezza, tal-proporzjonalità, u l-element uman. Qalet li meta wieħed iqis il-fattispeċi tal-każ, għandu jirriżulta li d-deċiżjoni mhijiex waħda proporzjonata, u li wieħed irid jifhem li żball ta' tipografija fl-indirizz elettroniku, mhuwiex kompletament tort tagħha. Qalet li min-naħa tagħha qatt ma kien hemm xi intenzjoni malizzjuża sabiex tevita li tħares il-liġi u r-regolamenti lokali. L-appellanta qalet li għall-kuntrarju, hija għamlet dak kollu possibbli sabiex tiżgura li tirrispetta l-leġislazzjoni lokali u li timxi b'mod prudenti u diliġenti. Qalet ukoll li l-Qrati spiss ifakkru fid-dimensjoni umana ta' każijiet bħal dawn, għaliex persuni f'ċirkostanzi bħal dawn huma nies vulnerabbli.

9. Permezz tar-raba' aggravju tagħha, l-appellanta qalet li hija vittma tal-inkompetenza amministrattiva tal-Bord, għaliex id-deċiżjoni tal-Bord ma ngħatatx skont il-prassi stabbilita. Qalet li din id-deċiżjoni fiha diversi nuqqasijiet legali. Qalet ukoll li hija qatt ma ġiet infurmata bid-deċiżjoni tal-Bord, u kien biss permezz tad-difensur legali tagħha li hija ppruvat titkixxef dwar is-sitwazzjoni legali tagħha, u b'hekk skopriet li l-każ kien magħluq. L-appellanta qalet li hija fasslet ħajjitha f'Malta, u għamlet diversi sagrifiċċji sabiex tistabbilixxi ħajjitha hawnhekk.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

10. L-Aġenzija appellata wieġbet li l-appell tal-appellanta huwa null u inammissibbli għaliex *ai termini* tal-artikolu 25A (8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, appell minn deċiżjoni tal-Bord jista' jsir biss fuq punt ta' dritt *'rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III',* u l-

appellanta la hija persuna msemmija fit-Taqsima III billi mhijiex ċittadin ta' Stat Membru, u lanqas ma tinsab leġittimament fit-territorju ta' Stat li huwa marbut bi Ftehim dwar il-Fruntiera. Qalet li għalhekk dan l-appell għandu jiġi ddikjarat null. Qalet ukoll li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni tal-4 ta' Ġunju, 2024, hija ġusta u timmerita konferma.

11. L-Aġenzija appellata qalet li l-Bord kien korrett meta ddikjara li l-appell quddiemu ġie ntavolat *fuori termine.* Qalet li l-appell odjern għandu jiġi dikjarat null u inammissibbli minn din il-Qorti, għaliex anki dan l-appell ġie pprezentat tardivament. L-Aġenzija appellata qalet li anki jekk jiġi stabbilit li l-ewwel appell iddaħħal tardivament bi żvista, huwa inaċċettabbli li anki l-appell odjern kien *fuori termine.* L-appellata saħqet li t-terminu għall-preżentata ta' appell huwa wieħed perentorju, u għalhekk ma jistax jiġi estiż għall-ebda raġuni, lanqas jekk tali raġuni tista' tidher li hija waħda valida.

12. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellanta, l-Aġenzija appellata qalet li qabel ma ngħatat id-deċiżjoni, l-appellanta kienet infurmata bid-data tas-smigħ, tant hu hekk li l-prinċipal tal-appellanta kien wieġeb għal din il-korrispondenza, u informa lill-Bord li kien huwa li kkanċella l-applikazzjoni tagħha, imma minkejja dan, il-Bord xorta waħda għadda għad-deċiżjoni in vista tas-sensittività tal-każ. Qalet li d-deċiżjoni appellata tirrifletti mhux biss fuq liema bażi l-Bord ta d-deċiżjoni tiegħu, iżda tirreferi wkoll għan-numru tal-każ. L-appellata qalet li għalhekk għandu jirriżulta li d-deċiżjoni mogħtija mhux biss hija ċara, imma anki ġusta u timmerita konferma. L-appellata qalet li hija ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, li din il-Qorti tal-appell ma tilqax l-

eċċezzjoni tan-nullità ħlief f'każijiet straordinarji, speċjalment jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha.

13. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanta, l-Aġenzija appellata qalet li l-prinċipju tal-*audi alteram partem* jimplika li persuna m'għandhiex tiġi ġġudikata mingħajr ma tingħata opportunità xierqa li tipproduċi x-xhieda tagħha, u li twieġeb għall-evidenza prodotta mill-kontro-parti. Qalet li l-appellata kienet infurmata fl-indirizz elettroniku pprovdut minnha, bid-dati ta' meta kien ser isir is-smigħ tal-proċeduri, u għalhekk setgħet faċilment tattendi u tipprovdi l-provi sabiex tissostanzja l-pożizzjoni tagħha. Qalet li l-Bord kien iffaċċjat bl-eċċezzjoni li l-appell tal-appellanta ġie intavolat tardivament, u għalhekk qabel jiddeċiedi dwar il-mertu, il-Bord kellu jiddeċiedi dwar din il-kwistjoni.

14. L-appellata qalet li anki li kieku l-Bord daħal fil-mertu qabel għadda għad-deċiżjoni tiegħu, kien jirriżulta ċar li l-prinċipal prospettiv tal-appellanta kien irtira l-applikazzjoni li dwarha ngħatat id-deċiżjoni, u għalhekk għandu jirriżulta li dan l-appell huwa frivolu u vessatorju, għaliex ladarba l-applikazzjoni ġiet irtirata, il-Bord ma jistax jasal għal konklużjoni differenti minn dik li ta. Qalet ukoll illi anki li kieku l-Bord sema' l-provi kollha, ladarba l-appell kien *fuori termine,* l-eżitu kien ser ikun l-istess.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

15. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet jew in-nuqqas tagħhom, magħmula mill-Bord fid-deċiżjoni appellata, u tas-

sottomissjonijiet li saru mill-Aġenzija appellata. B'riferiment għall-eċċezzjoni mressqha mill-Aġenzija appellata, li r-rikors tal-appell tal-appellant għandu jitqies li huwa null minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 25A (8) tal-Kap. 217, il-Qorti tqis li f'dan l-istadju ma jistax jingħad li l-appellanta ma tinsabx fit-territorju Malti b'mod leġittimu, għaliex għad irid ikun hemm l-eżitu finali tal-appell odjern sabiex din il-vertenza tiġi determinata darba għal dejjem. Għaldaqstant il-Qorti sejra tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dan l-appell, għaliex ma tistax teskludi *a priori* l-jedd tal-appellant li jressaq dan l-appell tiegħu.

*L-Ewwel Aggravju:* *[Id-deċiżjoni tal-Bord hija nieqsa mis-sustanza legali, ma fiha l-ebda data, u ma tinkludix l-ismijiet tal-membri tal-Bord li taw id-deċiżjoni]*

16. L-appellanta tgħid li minkejja li hija talbet li tingħata informazzjoni dwar l-applikazzjoni tagħha, hija baqgħet ma ngħatat l-ebda informazzjoni, sakemm eventwalment ingħatat deċiżjoni tal-Bord li kienet tgħid li l-appell intavolat minnha kien *fuori termine.* L-appellanta tgħid li d-deċiżjoni li ngħatat fil-konfront tagħha mhijiex waħda valida, u tikser dak li jipprovdi l-artikolu 218 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li essenzjalment jipprovdi li:

> "Fis-sentenza għandhom qabel xejn jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha, u għandu jkun hemm fiha ukoll referenza għall-proċedimenti, għat-talbiet tal-attur u għall-eċċezzjonijiet tal-konvenut. ...".

17. Ma jirriżulta li teżisti l-ebda regola jew dispożizzjoni tal-liġi li teżenta jew li tippermetti li d-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni jkunu

nieqsa mill-imsemmija elementi previsti fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Tabilħaqq il-Bord huwa organu li mhuwiex marbut bil-formalitajiet li bihom jitmexxew il-proċeduri quddiem il-qrati ordinarji, imma la din il-Qorti, u lanqas l-applikanti li jkunu qegħdin jistennew bil-ħerqa deċiżjoni tal-Bord dwar l-i*status* tagħhom, ma jixirqilhom li jingħataw litteralment biċċa karta miktuba bl-idejn li la fiha data, la fiha l-okkju tal-każ għajr għall-indikazzjoni ta' isem l-applikanta, u li lanqas m'huwa ċar minn min hija ffirmata. Dan wara li l-appellanta ħallset il-flus sabiex setgħet tippreżenta l-applikazzjoni tagħha, u reġgħet ħallset it-tariffa li ġiet introdotta riċentement sabiex tintavola l-appell tagħha. Fil-każ odjern il-Bord ma ħassx il-ħtieġa li imqar jagħti deċiżjoni fejn jiġu spjegati t-talbiet, l-eċċezzjonijiet u l-fatti kif irriżultaw mill-provi sabiex ġie deċiż li l-appell intavolat mill-appellanta kien *fuori termine.* Fuq kollox ma jidhirx li ġie stabbilit jekk mill-provi jirriżultax li l-appellanta kinitx infurmata bid-deċiżjoni ta' rifjut li ngħatat fil-konfront tagħha. Jekk tassew huwa minnu li kien hemm żball tat-tipografija fl-indirizz elettroniku pprovdut, l-*email* li ntbagħtet lill-applikanta, jekk tassew intbagħtet, kellha tmur lura għand min bagħatha, ċjoè lill-Aġenzija appellata, u l-uffiċjal li bagħat din l-*email* kellu jassigura li din tasal għand-destinatarju li kienet maħsuba għalih. Huwa minnu li l-artikolu 25A (7) tal-Kap. 217 jgħid li l-appelli mid-deċiżjonijiet tal-Aġenzija appellata għandhom jiġu ppreżentati fi żmien tliet ijiem tax-xogħol mid-deċiżjoni li tkun suġġetta għall-appell, iżda sabiex isir l-appell, id-deċiżjoni li tingħata trid tiġi mgħarrfa jew notifikata lill-applikant b'mod effettiv, għaliex inkella r-rimedju legali tal-appell, jiġi reż inutili. Ħadd ma jista' jappella minn deċiżjoni li tingħata fil-konfront tiegħu, jekk huwa ma jkunx jaf biha.

18. Din il-Qorti kemm-il darba ppronunzjat ruħha fis-sens li każijiet ta’ din ix-xorta għandhom jiġu kkunsidrati bl-akbar sensittività mill-uffiċjali pubbliċi li fuqhom jiddependi l-futur ta’ persuni li huma f’qagħda ekonomikament vulnerabbli, u li jaslu f’Malta bit-tama ta’ ħajja u futur aħjar. La huwa ġust u lanqas m’huwa raġonevoli, apparti li xejn m’huwa dinjituż, li persuna li tkun ħallset il-flus biex tirregolarizza l-i*status* tagħha f’Malta, l-ewwel ma tiġix infurmata kif suppost mill-Aġenzija appellata bid-deċiżjoni li ser taffettwa lilha u l-futur tagħha, u imbagħad tingħata mill-Bord litteralment biċċa karta miktuba bl-idejn, bid-deċiżjoni li tgħid li l-appell tagħha ma kienx intavolat fil-ħin, u dan meta ma ġiex stabbilit kif u jekk l-applikanta ġietx infurmata bid-deċiżjoni li ħadet l-Aġenzija appellata fil-konfront tagħha. Kull tentattiv ta’ paragun li ppruvat tagħmel l-Aġenzija appellata ma’ sitwazzjonijiet quddiem il-Qrati tal-Maġistrati fejn ċerti deċiżjonijiet jinkitbu bl-idejn, mhuwiex raġonevoli, għaliex fi proċeduri ta’ dik ix-xorta, il-Qorti jkollha l-partijiet quddiemha, u hemm proċedura li tirregola s-smigħ tal-provi prodotti mill-partijiet li tiġi segwita. In vista ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, fil-fehma tal-Qorti jkun eżerċizzju għal kollox inutili li tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-kumplament tal-aggravji sollevati mill-appellanta.

19. In vista ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra tiddeċiedi li d-deċiżjoni tal-Bord hija nulla, u li l-appellanta għandha tingħata l-opportunità li tipprova tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha f’Malta permezz ta’ applikazzjoni ġdida.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi dwar dan l-appell billi tilqgħu, u tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord li mhijiex datata, u tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata tas-6 ta’ Frar, 2023, u l-appellanta għandha titħalla tippreżenta applikazzjoni ġdida mal-Aġenzija appellata bl-iskop li tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha.**

**L-ispejjeż ta’ dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-Aġenzija appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**